# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar 2020

**Rikors Numru : 357/2019 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**MGM**

**vs**

**MM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MGM datat 30 ta' Lulju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi hu żżewweġ lill-intimata MM fil-Knisja ta' Our Lady of Good Council f'Paceville, limiti ta' San Ġiljan, fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990) skont ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok A;*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u affetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) minn Nutar Elisa Falzon skond kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok B;*

*Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied: FM f'X u SM f'Y li għalhekk huma maġġorenni u għandhom 'il fuq minn tlieta u għoxrin (23) sena;*

*Illi l-possibilita ta' rikonċiljazzjoni ma' martu ġiet diskussa ma' l-Avukat sottoskritta u ingħata mill-istess Avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżewwġin skond dikjarazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok C iżda l-esponenti esprima ruħu fin-negattiv.*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw għad-dritt tal-manteniment mingħand xulxin skont l-artikolu tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni surreferit;*

*Illi skont il-klawsola numru sittax (16) tal-kuntratt ta' separazzjoni Dok B hawn fuq imsemmi il-partijiet ilhom jgħixu separatament għal iktar minn erba' (4) snin, u ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi għalhekk jeżistu il-kriterji kollha rikjesti mil-liġi għal-ħall taż-żwieġ u sabiex jiġi ippronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti MFM jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara li ż-żwieġ tiegħu ma' MM hu maħlul u li għal dan il-għan tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u għal kull fini u effetti kollha tal-Liġi tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien stabbilit minnha, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b'hekk l-istess divorzju ikun jista jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku permezz tal-annotazzjoni relattiva fiċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness bħala Dok A.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MM, datata 29 ta' Awwissu 2019 a fol 15 et seqq , li taqra hekk:

*Illi filwaqt li tesprimi l-ħsieb tagħha li l-għoti tad-divorzju ser ikun kontra x-xewqa u t-twemmin tagħha, madankollu hija konxja li ma għandha l-ebda bażi legali fuq x'hiex topponi għad-divorzju u għalhekk qed tirrimetti ruħha għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talbiet imressqa minn żewġha MGM permezz tar-rikors fl-ismijiet fuq premessi;*
*L-esponenti tikkonferma li: l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon tal-għoxrin (20) ta' Diċembru, tas-sena elfejn u sbatax (2017); kif dikjarat f'dan l-istess kuntratt, il-partijiet ilhom jgħixu separatament minn xulxin sa' mill-erbgħa (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u*

*ħmistax (2015) ċioe għal erba' (4) snin u kważi xahrejn; ma hemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet dwar manteniment; u ma hemm l-ebda possibilita li jkun hemm rikonċiljazzjoni bejniethom u dan billi fil-passat il-partijiet ġja kienu attendew għal family therapy sessions iżda dawn ma kellhomx eżitu posittiv billi r-rikorrent ma kienx dispost illi jimxi fuq il-pariri mogħtija mit-terapista;*

*Illi madankollu l-ispejjeż relattivi għall-proċeduri odjerni għandhom jiġu sopportati mir-rikorrent u dan stante illi l-esponent ma kkommettiet l-ebda nuqqas fil-konfront ta' żewġha u ma hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi għaliex l-esponenti għandha tiġi kkundannata tħallas xi spejjeż relattivi għall-proċeduri mibdija mir-rikorrent kontra tagħha.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MGM** xehed (fol 17) illi huwa iżewweġ lil MM fl-1 ta' Settembru 1990 ()Dok A, fol 3 u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, illum maġorenni u jaħdmu. Illi ż-żwieġ ma rnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fis-27 ta' Diċembru 2017 (dok B, fol 4). Illi pero huma isseparaw de facto fl-4 ta' Lulju 2015. Manteniment dovut ma hemmx. Xehed ukoll illi l-partijiet qatt ma irrikonċiljaw u lanqas hemm tama ta' rikonċiljazzjoni.

Illi **MM** xehdet (fol 19) u ikkonfermat dak li xehed żewġha.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu***

***infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ipprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-1 ta' Settembru 1990 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal, illum maġorenni u jaħdmu.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon, datat 27 ta' Diċembru 2017 (vide Dok. B fol 4 et seqq.), izda kienu ilhom de facto separati mill-4 ta' Lulju 2015.

Illi jirriżulta illi ma hemmx pendenzi rigward ħlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta'

rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mil-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**